# Lehen il-Malti

MAHRUĠ

MILL-*GHAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

**Is-Sitt Sena** **Marzu-April 1936** **Għadd 61-62**

**2d.**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

// LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

MARZU u APRIL 1936 ] IS-SITT SENA [ Ghadd 61 u 62

# TFIXKIL TAL-MALTI KOTBA U GAZETTI

It-tagħlim tal-Malti, mxittel minn qawwa żagħżugħa, megħjun minn kitba għaqlija, imwettaq minn setgħa mdawwla, qabad issa l-mixja ħafifa li għandha twasslu fil-ogħla ta' ġiehu. Inħanaq u miet it-tagħjir giddieb, intrebaħ u trażżan it-tfixkil ħajjen, tqatta' u dieb is-sħab iswed ta' fehmiet mgħawwġa, u llum, u qatt daqs illum, inħossuna ġens ġdid, imweldin għal ħajja ġdida, imsaħħnin u mdawwlin minn xemx ġdida, ix-xemx tal-ħaqq.

F'dan il-jum ta' ħajja ġdida għad baqa' żewġ qtajja ta' nies li jew jimxu b'mixja tqila wara l-Malti, jew jibqgħu weqfin, imgħaddbin għax ma jistgħux iżommu l-Malti wieqaf magħhom. X'uħud jifirħu b'dan it-tifwir ta' ħajja ġdida, iħarsu b'ħarsa għaxqana lejn il-kitba mirquma tal-Malti, itawwlu mxennqin idejhom, u jixtiequ jaqbdu huma wkoll mal-karru mdieheb tal-Malti u jiġru miegħu l-ġirja tar-rebħ. Imma l-ħarsa ta' għadu ġiefi u t-tehdid imsemmem tiegħu jregħidhom, ikexkixhom, ikessaħhom, iħeddlilhom saqajhom li ma li jistgħux jitħarrku ħlief bi tbatija kbira.

Bi kliem ieħor. Fost il-qari Malti li jimxi bl-eluf insemmu l-kotba maħruġin mill-"*Għakda ta' Kari tajjeb*" u "*Leħen is-Sewwa*". Il-kotba tal-"*Għakda ta' Kari tajjeb*" huma kotba żgħar li jixbhu, fil-ħsieb, fid-daqs u fit-tagħlim, lill-kotba ingliżi maħruġin mill-"*Catholic Truth Society*". Miktubin bl-ortografija ta' "*Leħen is-Sewwa*" l-mejjet, jiġifieri, bl-ortografija tal-Gvern, barra mill-*q*. Iżjed, il-kittieba tagħhom qegħdin jagħmlu ħilithom kollha biex

jiktbu mill-aħjar, u għalhekk ħaqqhom tifħir. Mela jekk ibiddlu l-*k* f'*q*, u l-*ch* f'*k* u xi ħaġa oħra żgħira, ikunu mexjin huma wkoll id f'id mal-Malti u jgħinuh fit-triq twila tat-tagħlim. Għaliex, mela, din it-tibdila ma ssirx? Rieda tajba nemmnu li hemm, għax kieku flok kotba suret in-nies kien joħroġ tħarbix tal-ebda siwi. Mela naħsbu li r-rieda hi mfixkla. Mniex u minn min? Ma nafux. Xi sefsif minn taħt? Jista' jkun. Xi biża' żejjed? Jista' jkun.

Tisma' min igħid: "Għad ma wasalx iż-żmien biex il-Malti jkollu ortografija waħda; sena jew tnejn li l-ortografija ilha mgħallma fl-iskejjel mhix biżżejjed; il-kbar jitħabblu bil-*q* u bit-tikek li mhumiex imdorrijin bihom; jiddejjqu, ma jaqrawx u hekk jibqgħu neqsin minn ħafna tagħlim". Inwieġbu: U meta jasal dan iż-żmien? Jekk igħaddu għaxar snin oħra, nkunu għadna fejn aħna llum, jiġifieri, it-tfal fl-iskejjel jitgħallmu ortografija waħda, u l-kbar bil-kotba u l-gazetti jagħtuhom jaqraw ortografija oħra. U hekk it-taħwid jibqa'. U ż-żgħażagħ, li fi tfulithom ikunu tgħallmu l-ortografija tal-Gvern, jitħabblu u jitħassru bl-ortografija l-qadima li,bħal ħaxixa ħażina, tibda bil-ftit il-ftit ixxenxel għeruqha fihom. U ż-żmien il l-Malti jkollu ortografija waħda ma jasal qatt. U mbagħad l-anqas ma għandna ngħaġġbuha ż-żejjed, bħallikieku l-ortografija tal-Gvern kienet tixbaħ lill-kitba mqaddsa tal-Eġiżżjani tal-qedem, li ħadd ħlief il-għorrief ma kien jaf jaqraha. Le. Mijiet ta' żgħażagħ, rġiel u nisa, igħallmuha fl-iskejjel tal-Gvern; mijiet ta' żgħażagħ jitgħallmuha fil-Liċeo, fil-klassijiet ta' bin-nhar u bil-lejl; mijiet ta' ħbieb tal-Malti jaqrawha bla taħbit, bħal ma jistgħu jixhdu l-qarrejja ta' *Leħen il-Malti* u ta' *Il-Malti*; ħafna u ħafna oħra ma jsibu l-ebda tfixkil biex jagħżlu bejn *k* u *q*; oħrajn ma jħabbtu rashom bl-ebda kitba tal-Malti. Mela min huma dawk li togħġobhom l-ortografija tal-Gvern, u min huma dawk li ma togħġobhomx? Liema hu l-aktar għadd? Min għandu jagħleb?

Ħaddieħor għandu mnejn igħid: "La tiktbux bl-ortografija tal-Gvern, biex ma tagħtux togħma ta' politka

lill-kitba tagħkom u hekk titilfu l-ġid kollu li tridu tagħmlu". Kliem ta' qerq; sefsif ta' għedewwa mistur b'libsa ta' tjieba! Il-għajnuna li nagħtu lill-Gvern fit-tagħlim, għidulha politka għidulha li tridu, hi ħedma nisranija, għax tagħraf is-setgħa tal-Gvern. U jekk wieħed jidhirlu li ma jistâx igħin, għallinqas ma għandux ifixkel. Kull ħadd hu sid ta fehmtu, u aħna ma rridu nisirqu u njassru l-fehma ta' ħadd; imma min jibża mill-ortografija tal-Gvern, għax jibża mill-politka, jaqbillu jidħol f'qoxortu u hemm joqgħod jixxaħxaħ bla biża' ta' xejn u mhux joħroġ liebes b'libsa politka oħra. Għax dnub ma jinħaferx bi dnub ieħor. Jekk inhi politka ħażina l-ortografija tal-Gvern, hija politka agħar l-ortografija kontra tagħha. U fl-aħħar mill-aħħar dawk li jridu jbeżżgħuna bil-waħx tal-politka, aktarx li jagħmlu bħal dak li jgħidlek: "Dak velenu! Neħħih minn idejk! Armih, għax bih tmut!" imbagħad huma jinqdew bih, b'dak il-velenu, għal xi ġerħa, għal xi tingiża biex ma titniġġisx u jmutu! Ftehimna!

Dawn kollha huma ħsebijiet tagħna. Jekk il-"*Għakda ta' Kari tajjeb*" kellhiex dawn il-ħsebijiet jew ħsebijiet oħra, ma nafux. Biss nistgħu ngħidu milli jidher li l-"*Għakda*", jew min qiegħed imexxiha, għandu rieda tajba imma mfixkla.

* * *

Imma ma nistgħux ngħidu l-istess għal *Leħen is-Sewwa*. Din il-gazzetta, bħalma jaf kullħadd, bdiet toħroġ f'Settembru tas-sena 1928. Dak iż-żmien l-ortografija tal-Għaqda kienet għadha ma daħletx fit-tagħlim tal-iskejjel għalhekk il-gazetta l-ġdida għażlet dik l-ortografija li l-aktar toqrob lejha; jiġifieri ħadet ir-regoli kollha tal-ortografija tal-Għaqda u ħadet l-alfabet ukoll barra mill-*q* u xi ħaġa żgħira oħra. U dak iż-żmien dik ukoll kienet l-ortografija tal-Gvern. Wara ħames snin il-gazetta biddlet is-sid, ħaditha x-xirka tal-"*Azione Cattolica*", u mas-sid biddlet ukoll il-libsa, jiġifieri l-ortografija. Konna nistennew li wara ħames snin ħedma għat-tixrid ta' ortografija tajba, mibnija fuq regoli, it-tibdila kellha tiġi mill-*q* li tieħu postha flok il-*k*. Iżjed u iżjed li dak iż-żmien l-orto-

grafija tal-Għaqda saret l-ortografija ufficjali tal-Gvern. Imma sar kollox bil-maqlub. Wara ħames snin ħajja l-ortografija, li kienet bdiet tissemma b'isem *Leħen is-Sewwa*, tbiddlet, tħassret, inqerdet. L-ebda regola ta' ortografija ma sabet daqsxejn ħniena mas-sidien il-ġodda. Il-*ħ*, *q*, *w*, it-tikek fuq il-*c*, *g*, *z*, biex jingħażel ħoss minn ieħor, tneħħew għal kollox; ir-reguli tal-grammatka marru warajhom. X'baqa' ? Xejn Donnhom is-sidien il-ġodda riedu jeqirdu saħansitra t-tifkira tas-sidien il-qodma u tax-xogħol tagħhom tul ħames snin sħaħ.

U issa nistaqsu : Il-għala saret dit-tibdila ? Xi ħsieb kellhom ? Bla ħsieb il-bniedem ma jagħmel xejn. Aktarx iweġbuna : Aħna nfittxu biss li ngħallmu l-poplu u ma nħabbtux rasna bil-*k* u bil-*q* u bit tikek fuq il-konsonanti. Tajjeb; mela għax ma ħallejtux l-ortografija kif sibtuha, aktar u aktar li l-gazetta ħadtuha minn idejn il-*Giunta* mwaqqfa mill-Isqof għat-tixrid tal-istampa t-tajba? Jekk l-ortografiija u la tgħin u l-anqas tfixkel it-tagħlim, ħalliha kif inhi, tħabbatx rasek biha. Mela, la darba l-bniedem kull ma jagħmel jagħmlu għal xi fini ta' moħħu, f'din it-tibdila għandu jkun hemm xi fini ieħor li mhux it-tagħlim reliġjuż.

Bħal issa għandi quddiemi *Referendum* maħruġ mil-Liċeo fil-4 ta' Novembru 1932 b'isem A. V. Pantalleresco *Direttur ta l-Ischejjel Secondarji*, u stampat mill-Gvern b'ortografija li taqbel f'kollox mal-ortografija ta' *Leħen is-Seuua*. Dik il-ħabta wkoll, jiġifieri fis-6 ta' Settembru 1932 il-ministru tat-Tagħlim E. Mizzi ħareġ *minuta* fuq it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel tal-Gvern (ara *Leħen il-Malti* ta' Ottubru 1932). U A. V. Pantalleresco illum imdaħħal fit-tmexxija tal-"*Azione Cattolica*" u ta' *Leħen is-Seuua*.

Ma nafx x'naqbdu naħsbu fuq dan. Ma nafx jekk dawn it-truf humiex ħerġin kollha minn ħabel wieħed, jew iltaqgħu flimkien b'kumbinazjoni. Kollox jista' jkun, għalhekk ma naqtgħux sentenza aħna; nħallu l-fatti jitkellmu huma.

B'dan kollu aħna rridu nolqtu l-ortografija *biss* ta' *Leħen is-Seuua* u mhux il-gazetta u anqas ix-Xirka taż-

żgħażagħ. Niftiehmu tajjeb biex ħadd ma jkollu fiex iħawwad. Aħna nixtiequ li kullimkien jitwaqqfu, jikbru u jitqawwew Għaqdiet ta' żgħażagħ li jaħdmu għall-ġid tal-Knisja kif iridhom il-Papa. Naqblu wkoll li dawn il-Għaqdiet ikollhom gazetta tagħhom biex aktar iżommu magħqudin u aktar jistgħu jxerrdu t-tagħlim tagħhom. Iżda jidhrilna li dil-gazetta ma għandha qatt tfixkel il-ħedma tal-Gvern b'ortografija ħażina. Niftakru li l-għajnuna ġġib il-qawwa, it-tfixkil iġib il-ħsara.

* * *

Din hi l-fehma tagħna, u ridna nuruha għax kull ma joħroġ fil-publiku—kotba u gażetti—isir. ħaġa tal-publiku, u kullħadd għandu l-jedd juri fehmtu fuqha. Ħsieb ta' tfixkil, għira, ġlied ma għadda qatt minn moħħna. Il-ġieħ tal-Malti u tat-tagħlim kien u jibqa' dejjem il-ħsieb tagħna, bħala Maltin, u l-ħajja tagħna bħala Għaqda.

## B'DANA KOLLU....

Il-ġrajja tal-bnedmin bdiet bil-ħruxija:
Għira miġnuna ħonqot lill-Imħabba:
Il-kbir fost żewġ ulied bid-dnub ittabba
U l-art ħammret bid-demm li kien bla ħtija.

Minn dak-in-nhar is-snin għaddew bil-mija,
Bl-eluf, u l-għerf li bit-tiġrib jitrabba
Kiber bla tarf, iżda l-hena li jxabba
Lill-qalb ma wassalx miegħu fit-tiġrija.

U niżel Dawl mis-sema u qal: Is-sliema
Tagħkom minn Alla; kunu wlied għannuna
Ta' Missier wieħed li ma jafx iltiema.

Xterdet l-aħbar tat-twajjeb Magħna-hu-El...
B'dan kollu ta' sikwit Għira miġnuna
Ittenni l-ġrajja ta' Kajjin u Abel.

April, 1936.

Dun Karm

# XHIN IDDOQQ IL-QANPIENA

Is-skiet jimla r-ruħ bil-ferħ u bil-faraġ, u jsaħħaħ l-għeruq tal-ħsieb. Is-skiet, bħal kieku xbejba ħiemda li fuq wiċċha jinfirex id-dawl tas-sliem, jiġbdek u jsaħħrek, u int tibda tħobbu dak is-skiet għax fih hemm qawwa li tolqot il-qalb, tidħol fiha u thenniha. Qatt ma nħossni f'sikti ħlief meta nkun waħdi. Qalb is-soċjetà—dik l-imsejkna għaqda ta' nies li tidħak u ma tafx il-għala—jien inħossni bħal ħuta maqbuda u mitfugħa qalb ħafna oħrajn, ġo ġewlaq wieħed. Is-soċjetà għandha qalbha tażżonqor: waqtiet tisma' l-għajta maħnuqa ta' xi ħadd li qed ibati u wrajha sew tidwi tifqigħa daħk mimli ta' l-ieħor ferħan bil-ħsara ta' sieħbu. Din hi s-soċjetà. U għalhekk jien dejjem inħoss fija dik il-ħajra li ngħix fis-skiet u fid-dlam sabiex la nisma' u l-anqas nara. Ħbieb tiegħi ħadd, ħlief it-tpespisa ferrieħa ta' għasfur li qed juri sengħetu fil-għana lill-għasfura mgeddsa fil-bejta, jew it-tmeqmiqa mbażżgħa ta' xi ħarufa fessuda li tilfet lil sidha.

L-hena tiegħi l-ġiri qalb l-għelieqi, mitluf f'dak is-skiet ta' qabar, meta l-lejl jitfa' l-istar iswed tiegħu biex jaħbi l-għomma ta' xi wħud li jridu jidhru ferħana. Wara jum tħambiq quddiem għadd ta' tfal li jaqbeż l-erbgħin, kollha jħarsu lejk u ftit jifhmu, magħluq bejn l-erba' ħitan ta kamra mgħammra minn xifer sa xifer, kuljum, tista' tgħid, tiġini x-xewqa li jfittex jasal il-ħin li nitbiegħed minn dak il għagħa u l-ħsejjes. Inkun fuq ix-xwiek sa jdokku l-erbgħa. Il-qampiena, ħabiba tiegħi, ma ddumx ma ssemmagħni leħenha, rqiq u werżieqi, u dak il-leħen lili jogħġobni għax iħabbarli l-ftuħ ta' jum ieħor. Għax, biex tkunu tafuh, il-jum tiegħi ma jibdiex fil-għodu kmieni meta l-għajjat tas-sriedaq, waħda wara l-oħra, jidwu u donnhom ma għandhomx tmiem. Le. Iżda fil-għaxija meta l-ħajja ġo l-ibliet tkun qed torqod u fl-irħula tkun raqdet għal kollox. Il-qanpiena tafhom sewwa x-xewqiet tiegħi u (bejnietna) jien ma nistmellx nagħtiha dik il-ħarsa ħelwa u tbissima ħafifa jien-u-ħiereġ il-bieb tal-iskola.

L-erbgħa: il-ħin tal-mistrieħ. Ngħaġġel għall-karrozza, nilmaħha mill-bogħod u niġri biex nilħaqha. Drawwa tiegħi nfittex fil-karrozza rokna waħdi, fejn nista' noqgħod bla ma xxekkilni n-nies bid-dawrien 'l hemm u 'l hawn ta' ġisimha, jew bid-duħħan tas-sigarretti li jħalli rieħtu fuqi. Iżda jien għandi l-għeliex tiegħi li nixtieq noqgħod waħdi. L-ewwelnett biex noqgħod inmaħħaħ sa kemm ma tafx kif joħroġ il-ħsieb ta' xi

biċċa poeżija. It-tieni, meta l-Musa ħelwa ma ttinix, noqgħod migbur f'sikti, nħares lejn l-uċuħ ta' quddiemi, uċuħ imqita, oħrajn daħkana, oħrajn bla ħajja.

Darba, joqgħod bil-qiegħda ħdejja raġel, tagħtih fuq l-erbgħin, u mill-bixra ta' wiċċu kont tgħid "Dan q'ed igħix ħajja ta' dieqa." Għall-anqas dan li għidt jien ma' l-ewwel daqqa ta' għajn li tajtu. Ħarist, ħarist u ħarist. Ma nkunx qed ngħaġġibha jekk ngħid: Kiltu bil-ħars. Jew għax għaraf li jien qed inħares fitt lejh, jew għax ried juri għommtu miegħi, dar lejja u b'leħen ta' swied-il-qalb beda:

—Għadek żagħżugħ.... hekk sewwa!... u l-ħajja ma tafx xin hi.... Il-ħajja!.. Il-ħajja!!...

Waqqaft għajnejja fuqu, u għidt f'qalbi: Dan qed jitlef. Imma ma kienx hekk. Hu issokta: Tistagħġeb? Taħseb jewilla li qed jagħtini? Le! Le!! Imma l-ħajja ħaqritni....

Dak il-ħin tieqaf il-karrozza, u titla' xbejba twila u miftuħa. Warajha jitla' żagħżugħ ħaddejh bojod karti, ghajnejh żgħar żgħar, liebes sabiħ, b'kappell ġdid, u minn taħt il-kappell ħiereġ għal fuq moħħu, xagħar iswed u mħabbel. Kien aktar iż-żagħżugħ li laqatni milli x-xebba. Għax jien għandi ġibda aktar li nistudja l-karattru differenti ta' dak u ta' l-ieħor, milli noqgħod nintilef wara l-ġmiel u l-ħajr ta' dik u ta' l-oħra.

Rajtu joqgħod bil-qiegħda ħdejn dik li fi ħsiebi kienet xebba. Smajtha tkellmu minn taħt. Hu qabad jidħak. Ħares madwaru, u mbagħad daħak. Tefa' l-ħarsa 'l barra mill-karrozza, u reġa' daħak. Dawwar għajnejh, donnhom żewġ żibġiet, lejja, u erġajt mill-ġdid rajt dak il-ħalq daqsiex jiċċarrat, u mill-ġdid smajt id-daħka vojta. Wieħed li kien fejni qal: *Dak miġnun!*

U, sewwa jgħidu, għall-imġienen ma tridx tieħu. Dak daħak bija f'wiċċi. Ħaddieħor kien uko'l qed jidħak bija, u ma ndunajtx. Dik ix-xbejba li kienet telgħet, jien ħsibtha għandha xi għoxrin. Mara mogħila hawn, wiċċha qamħet, il-lewn, xuftejha ħomor qrolla qishom warda mogħtija l-ħajja mid-daqqa ta' pinzell ta' pittur, għajnejha jibbru bil-ħarsa—nar li żżiġġ u titbissem. Dik il-ħalja ta' xebba għall-ewwel ma kinetx laqtitni. Imma meta ħarist lejha għal darba, tnejn, tlieta rajt li ma kinetx ta' min jagħtiha l-ġenb, u meta smajtha titkellem, għidt: *kemm hi dħulija.* Kliem bejnietna, bejnietna, bdejt inħoss qalbi teħla għaliha. Ħarist lejha bi tbissima, lejn dik is-sura ta' ġisem mibni sabiħ, jixhed il-hena tas-saħħa, lejn dak ix-xagħar tad-deheb nieżel sfieq qisu l-mewġ lubien fuq spallejha wesgħin, ħassejtni ninġibed lejha bis-sħiħ u nħobbha b'imħabba siekta. Iżda f'daqqa waħda bħal seħer ta' qawwa

darabni f'ruħi. Dik ix-xbejba kont nafha. Hi kienet it-tfajla magħżula biex tkun l-imħabba ta' ħabib tiegħi (kif darba qalli hu) meta kien għad għandu għoxrin: hi kienet sentejn akbar minnu. Illum huwa sikwit jiftaħar miegħi bis-saħħa li fadallu għalkemm qabiżhom l-erbgħin. Għidt bejni u bejn ruħi, *dinja qarrieqa.* Imma xi trid tagħmel. Nimxu maż-żmien!

Inżilt mill-karrozza, ħeffift il-pass għad-dar, għamilt f'radda ta' salib bosta xogħlijiet, u mbagħad ma' nżul ix-xemx, tlaqt il-barra għas-skiet, qalb il-għelieqi, tul il-mogħdijiet imħarbta u mserrpa.

Ħadd miegħi. Waħdi. jien u ħsebijieti. Imxejt taħt sema diefi, bl-aħħar dija tax-xemx li niżlet tħammar u tħeġġeġ ix-xefaq. L-egħlieqi kienu mimlija ħajja bis-silla tħaddar b'xi warda ħamra taqta' 'l hinn u'l hawn, u l-furrajna maħruka tit-niehed maż-żiffa sierda li tħossha dieħla fik u treżżaħlek ġis-mek. Dak il-ħin ġibt quddiem għajnejna l-qabża li tgħaddi minn belt għal raħal. Fil-belt il-ħajja tixbah lil tifel imqareb li jħarbatlek dar sħiħa bl-għajjat, bil-ġiri, u bil-ġlied tiegħu u, fir-raħal, għandha minn tifla ċkejkna u ħelwa mistrieħa fuq il-ħaxix aħdar u l-ward bellusi tal-ġonna.

Tidħol fil-belt u tħoss rasek iddur bik għax il-ħsejjes ma jaqtgħu xejn, qatt, u mkien. Krarez għaddejjin minn fejnek b'saħħithom, u warajhom iħallu ħsejjes li jtarrxuk. It-tvenvin tal-frosti jċeqċeq fuq dahar iż-żwiemel li jlebbtu mad-daqqa. Tħossok barra minn sessik. Imbagħad jekk inti tħares minn x'imkien fil-għoli lejn din il-belt ta' ħajja, tara bħal xmajjar ta' nies għaddejja minn kull trîq sa jaqgħu lkoll ġo misraħ wieħed. Imma x'hemm miktub fuq wiċċhom bil-pinna tal-ferħ jew l-għali, bans ma tarahx. Ma tafx kemm żgħażagħ biex jidhru f'dawk l-inħawi lebsin suret-in-nies, baqgħu lura fl-ikel, u issa qegħdin hemm, jidħku, ilabalbu, jitbahardu, b'libsa ġdida fuqhom imma b'żaqqhom battala. U kemm xbejbiet, wiċċhom taħsbu l-wiċċ ta' ħawħa li ħareġ minn idejn Botticelli u kemm nisa mimlija minn dawk li kien iħobb Tiżjanu, jekk int jirnex-xilek tarahom kif jisbħu, għajnejhom imċajprin u ħuġbejhom imqabbża 'l barra, ma tagħrafhomx minn imwiet daqs kemm ħaddejhom ikunu sofor u midbiela. U, mbarra dan, kemm irġiel li jżommuha u ma jħalluha ħelwa lil ħadd, meta jidħlu d-dar isiru qishom ħrief u ma jgħidux le għal kull ma tgħid, tajjeb jew ħażin, il-mara tagħhom. Tgħid jibżgħu minn xi ħaġa? Min jaf!? Iżda, b'dana kollu, mhux għax il-belt ma fihiex x'jiġbdek, imma trid taraha filgħodu kmieni meta t-triqat ikunu għadhom battala, jew filgħaxija nett meta kollox ikun midfun fi dlam ċappa u kulħadd rieqed. Filgħodu

kmieni u filgħaxija fid-dlam, il-belt tieħu ftit mis-seħer li jħenni u jsebbaħ ir-raħal. U għalhekk lili f'dawk il-ħinijiet biss l-aktar li togħġobni. Is-skiet f'dawk il-ħinijiet isaltan kullimkien, fil-ħwienet li dalwaqt jintlew bil-għagħa ta' bejjiegħa u xerrejja, u fit-triqât fejn ix-xogħol bla heda tistenna li jibda minn ħin għall-ieħor.

Ir-raħal mhux hekk. Fih, kull waqt, issib is-skiet—is-skiet, l-akbar ħabib ta' żgħożiti li fih jien insib milja ta' ferħ l-sserraħ moħħi mit-toqol ta' ħsebijiet imniġġsa u jfarraġ qalbi meta, mnikket, nibki nitħassar din id-dinja miġnuna. Ħbieb ħadd għax hekk jaqbel. Jaqbel għax sa minn dejjem in-nies qatt ma ftehmet, u dak li jien nara abjad, ħaddieħor jarah iswed. Niġu biex inqabblu fehmitna u nsibu li l-waħda qiegħda l-Lvant, l-oħra l-Punent. Hu jrid jieħu tiegħu minn fuq, jien tiegħi. U hekk qatt ma naslu. Il-ħbieb tiegħi huma biss il-fewġiet kiesħa li jitlegħbu ma' xagħri, u bħal donnhom iħadd-nuni b'dawk dirgħajhom rotob u melsin, jew l-ilħna ħddiena tal-qniepen li jaslu mil-bogħod kemm kemm jinstemgħu, jew il-friegħi għerja tas-siġar donnhom is-swaba twal ta' ġorf li jrid jaqbad u jħaddan miegħu ż-żiffa li għaddejja, jew inkella, xi drabi, l-għanja fuqana ta' bint il-għalqa li mixħuta ħada l-bagħal, qiegħda tgħannilu dak li baqbaq f'qalbha u għamel minn ruħha rsira f'ħin qawwi ta' mħabba għajjura.

Is-skiet fih il-ħlewwa li ma ġġarrabhiex, anqas f'elf sena jekk tibqa magħluq ġo l-belt, u tgħum ġo dak il-baħar-nies sa jgħarrqek u jidfnek taħtu.

Fis-Skiet hemm il-għanja ta' mħabba żagħżugħa,
Fis-Skiet hemm il-qawwa li tirbaħ kull qalb,
U tferraħ, u timla bil-ħlewwa, u ddawwal
Il-ħsieb illi jixgħel bil-ħeġġa tat-talb.

Min qatt ma sab ruħu waħdu, bgħid mid-dieq tal-ibliet, fi skiet li jdawwrek minn kullimkien bħall-baħar qiegħed, u qalb ir-raba' mgħargħar bid-dawl ta' qamar sħiħ, mhux la kemm jifhem dak li hemm moħbi bejn dawn il-versi Niket? Imħabba? Ferħ? Dawn il-versi jiġbru kollox. Jien ħassejthom u ktibthom meta, f'siegħa qalila ta' dwejjaq kbar, irħejt warajja l-imħabbiet imdardra li kienu jtaqqlu ħsebijieti, war-rabt mill-midħla tiegħi il-ħbiberija ta' tfajliet fiergħa, u ġrejt bħal għasfur li jrid jaħrab minn min qiegħed jissajjah biex jaqbdu l-barra, fis-skiet, qalb il-għelieqi. Il-lejl kien sabiħ, bħalma sabiħ kien is-sema, il-qamar, u l-kwiekeb. Il-ħsieb issaffa f'daqqa mit-tbajja ta' mħabba belha li, fil-belt, kienet qed tikber u tixxettel fija. Il-ħsieb tiegħi sar, biex ingħid

hekk, biċċa minn dik in-natura tal-għaġeb li kienet tinfirex quddiemu. Qalbi bdiet tħobb. Dak is-sema, dik il-medda raba, dik il-ħarġa sigar, dak is-skiet, dawk id-dellijiet ħiemda ta' ħitan mifruxa mal-art, biddlu mħabbti bħal lejl minn nhar. Minn dak inhar 'il hawn jien insejt għal kollox l-imħabbiet li jassru qalbi. F'lokhom bdejt inħoss ir-rebħa ta' mħabba lejn kull fejn hemm il-paċi u l-ħemda.

Bdejt kuljum, wara li naqdi dmiri fl-iskola, u wara li x-xemx, nieżla fix-xefaq, tkun qajla tidher, naqbad it-triq li sserrep, nilwi għal mogħdijiet oħra, nikser issa fuq din l-id issa fuq l-oħra, sa nitbiegħed biċċa sewwa mill-belt: inħalli warajja dak li d-dehen tal-bniedem għaraf isawwar, jibni u jħott biex nitħabbeb ma' dak li Alla xerred u qassam fl-univers.

Kuljum, meta jkunu q'ed joqorbu l-erbgħa, nistenna b'qalb xewqana dak il-leħen irqiq u werżieqi tal-qanpiena ċkejkna. Il-qanpiena, minn tagħna kemm tridha, ma ddumx wisq ma twieġeb ix-xewqiet tiegħi. Min jista' jfisser xi nħoss jien f'dak il-ħin? Tikk—Tikkk—Tikkkk—Tikkkkk! U ma tkunx għadha spiċċat dak l-aħħar *tikk* tagħha meta jien, b'moħħi mistrieħ u qalbi ferħana, inkun nieżel imgħaġġel il-għatba tal-bieb.

Ġużi Chetcuti.

# IL-FARAĠ TAS-SKIET

*(Mill-Ingliż tas-Sur G. Aquilina)*

Merħba bik, merħba bik, ja lejl bla kwiekeb,
Li b'dellijiet mifruxa bħal widien
Miftuħa fuq id-dinja, wasalt riekeb
Fuq sħab li, sa ftit ilu, aħmar kien
Donnu bid-demm. Is-skiet niżżilt fuq l-art,
Is-skiet bla tarf għamieq daqs l-ilmijiet,
Fejn ħajja m'hemmx, la sħana, lanqas bard,
U x-xemx le żżomm il-kejl tal-ħinijiet.
Jien lilek, Skiet, nixtieq li timla qalbi,
U d-demm li jiġri f'moħħi u ġo fija;
Ikollok ħniena minni, isma' talbi,
Nessini d-dieqa, tfakkarnix fil-ħtija
F'ħoġrok, ja Skiet ħanin, serraħli rasi,
U tħallix l-għagħa tan-nies jiksirli ngħasi.

Turu Buhagiar

# Għal kull ma ħlaqtilna iċ-ċaħda trid minn'na

Tarax... Kemm frott Alla ħalaq għalina...
dulliegħ, lanġas larinġ u mandulin,
tin, għeneb, bajtar, ħawħ.... kull waħda bnina
iżjed mill-oħra w iżda għalkemm ħelwin,
il-waħda mhix bħall-oħra t-togħma tagħha.
Taqtagħlek l-għatx, twetik u ttik is-saħħa!

....U kemm ilwien ta' ward! xi ġmiel! x'ħuġġieġa!
ġjaċinti, vjoli, qronfol, residan,
ħommejr, sagħtar, narċis, u ward-il-hena
ġiżimin, ġiżi, dalji u tulipan!
X'għaxqa ta' lwien imżewqa, sbieħ, safjin!
ifuħu kollha; iżda mhux bħal xulxin!!

U t-tajr għannejja ġot-tifwiġ fil-beraħ
hi u tixref ix-xemx f'xefaq il-bħura!
fl-imsaġar, ġewwa l-ġonna u qalb is-siġar
f'tal-għodwa ż-żrienaq sbieħ u fl-oħla ħdura!
L-għasfur tal-bejt, il-bilbla u l-ġojjin
l-alwetta, l-bież, iċ-ċawl u l-kanarin!

Kollox ħareġ mn'idejk, kollox ħlaqtilna...
Is-sema mkewkeb, l-ilma, x-xemx għas-sħana.
b'nifsek Mulej, ruħ sawwartilna u tajtna
u kolma l-ħajja titlob dawwart magħna!
Ma nispiċċax 'kk insemmi waħda waħda!
Għal daqshekk ġid, trid minn'na biss.. *iċ-ċaħda!*

R. M. B.

# L-ID MEJTA

Malli bagħtu jgħiduli xi ġralu Dwardu, ma nafx x'ħassejt ġe' fija. Inxift u bqajt inħares bħal miblugħ lejn il-qaddej li ġiebli l-bxara. Dwardu kien l-akbar ħabib li kelli; żagħżugħ ta' sitta-w-għoxrin sena, dejjem daħqan, jiġri 'l hawn u 'l hinn, u kieku qatt kont tarah imdejjaq. U issa bagħtu jgħiduli biex immur narah għall-aħħar darba... fis-sodda... mejjet. U kif miet, terġa! Ma nafx kemm-il-darba għidtlu li għad jispiċċaha ħażin b'dik il-karrozza tan-nar li xtara; u, ballec, kellu jiġi fi kliemi! Kienu xi s-sitta dak il-ħin; kont għadni kemm wasalt mix-xogħol, imxarrab għasra bix-xita li kienet nieżla; biddilt ħwejġi u qegħidt il-kitla tal-misħun fuq in-nar biex nagħmel belgħa tè. Ma kienx hemm x'taħseb: erġajt tfajt libsa fuqi, xeddejt iż-żarbun, tfajt il-kappel f'rasi u tlaqt għall-aħħar żjara.

Dwardu, tista' tgħid, la kien jaf 'l ommu l-anqas 'il missieru, għax dawn mietu meta t-tifel kellu xi għaxar snin; u minn dak iż-żmien 'il hawn baqa' ma żijietu, fid-dar li kellhom madwar iż-żewġ egħlieqi li jagħmlu magħha. Kienet daqsxejn imwarrba dik id-dar għalihom, l-aktar li l-lum kienu daħlu fiż-żmien mhux ħażin. Imma bi Dwardu magħhom kienu jħossu ruħhom tajjeb fejn kienu, u qatt ma ħasbu li kellhom għalfejn jiċċaqalqu minn hemm.

M'hemmx għalfejn noqgħod insemmi l-taħbila li wieħed isib meta jmur f'xi dar ta' mejjet. Min jibki, min isabbar; min jitniehed, min jitlob; min dieħel, min ħiereġ; min tiela', min nieżel. Hekk sibt jien ukoll dak in-nhar. Il-qattus biss kien bi kwietu, rieqed fuq il-mejda.

Xħin dħalt fil-kamra tiegħu, Dwardu kien minn tulu fuq is-sodda; in-naħa ta' rasu mejda żgħira b'Kurċifiss u żewġ xemgħat jixegħlu. Malli rfajt daqsxejn il-liżar minn fuq wiċċu, (għax imħabba s-sura li kien fiha kien mgħotti kollu), inħsadt u nġibdt lura. Rasu kienet imgeżwra ġo l-faxex, u minn wiċċu ma kienx jidher ħlief imnieħru, biċċa minn ħalqu u għajn waħda, ix-xellugija. L-għadma ta' mnieħru kienet miksura, u fuq għajnu l-leminija, li kienet mgħottija, il-faxxa kellha tabgħa kbira ħamra.

Wara li zijietu, xħin, telaq kulħadd, damu jitħaddtu miegħi ħafna, issa jibkuh, issa jitħassruh, u kif miet u x'ħin, u x'qal qabel, daret it-taħdita fuq il-lejl li kien riesaq. Kif sa jgħadduh? Huma żewġ nisa xjuħ, żewġt ixjuħ weħidhom. M'huma tajbin għal xejn. U min jaf?... Mela' biex ma ntawwalx, ġibuni fejn riedu, għax ma ħallewnix minuta qabel ma wegħidthom li ngħaddi l-lejl magħhom. Jien, ngħid is-sew, m'inix tal-qatgħa f'xi ħaġa bħal din; qatt ma kont għaddejt

iljieli ma mejtin, għax dejjem żammejt il-bogħod minnhom. Iżda did-darba laħqu tefgħuhieli hekk għal għarrieda li ma kontx naf 'neħles minnha.

Sadattant, it-taqlib ta' l-ajru ma reħa xejn, biex ma ngħidx żdied. Ix-xita baqgħet nieżla sewwa; kultant tleħħ xi berqa, li tiġbed urajha t-tgergir imkarkar tar-ragħad; iżda r-riħ ma kienx tal-għaġeb.

Għal ħabta tat-tmienja, iż-żewġt ixjuħ ma dehru xejn f'sikthom, qabadhom bħal biża' qawwi, u ma riedu bl-ebda mod jibqgħu f'dik id-dar. Jien, bejn telgħuli u bejn ridt nagħdirhom, bgħatthom jorqdu fejn iridu; għidtilhom mal-mejjet noqgħod jien waħdi. Xejn ma ħsibtha dak il-ħin li kien għad fadal xi disa' sigħat oħra biex jisbaħ, u jekk jinqala xi ħaġa mur ara kemm narahom twal.

Il-lejl kien għadu qiegħed jibda, u għalhekk xejn ma ħadtha bi kbira li sa nibqa' waħdi. Imma ma nafx għaliex, meta wasalt sa hemm, donni ma ridtx nerġa nidħol fil-kamra tal-mejjet. Mhux għax bżajt, iżda ħassejtni daqsxejn hekk, ma nafx kif naqbad infihem ruħi. Imma qabel ma ħallejt l-iċken ħsieb ta' biża' jidħol ġe' rasi, dħaqt bija n-nifsi, qbadt it-taraġ u tlajt. Fil-kamra kollox kien għadu kif kien. Dwardu mifrux twil twil fuq is sodda; mgħotti b'dak il-liżar abjad li aktar ma jidlam aktar donnu jibjad; waqt li ż-żewġ xemgħat ta' wara rasu jitfgħu d-dell iswed tagħhom fuqu. Tajt daqqa ta' għajn malajr malajr u dawwart wiċċi. X'fih x'tara? Aħjar noqgħod fit-tieqa nittawwal; hekk forsi nara 'l xi ħadd u ngħaddiha. Imma t-trieq kienet baħħ. M'għandniex xi ngħidu, bejn li d-dar kienet imwarrba, bejn dik ix-xita u l-ħin li kien, mhux ħaġa kbira li ma rajt 'il ħadd. Għalhekk ġieni f'moħħi li noqgħod naqra daqsxejn fil-ktieb li nżertajt ġibt miegħi; u billi kien dalam, dħalt biex nixgħel. Iżda x'nixgħel? La sibt elettriku u l-anqas lampa. Mhux għax ma kellux ikun hemm xi lampa xi mkien, imma issa mur sibha!

"Issa x'sa nagħmel bla dawl?" bdejt ingerger bejni u bejn ruħi. "Imma x-xjuħ setgħu ħallewli lampa li ma kinux..."

Berqa qawwija dawwlet il-kamra kollha, u ħassejt dehxa ma nafx għaliex, imma ħassejt dehxa tabilħaqq. Dak il-liżar abjad beda jtini fil għajn wisq; beda jġiblı ħafna ħmerijiet quddiem għajnejja. Iżda x'nagħmel, inneħħih? Jiġi agħar. Ma kinitx għadha nħallet ir-ragħda tal-berqa li ma leħħitx oħra minnufih.

"Tajba din il-lejla", għidt bejni u bejn ruħi, "kif sa tispiċċa ma nafx; imma milli tidher..."

F'xi l-għaxra kont qiegħed fi dlam ċappa, u kull ma kelli biex jurini kienu dawk iż-żewġ xemgħat jixegħlu wara ras Dwardu. Iżda dawn kienu ġa nofshom inħlew, u ma nafx

x'ridt nagħmel meta jintfew. Gietni f'rasi li nitfi waħda minnhom u nerfagħha għal xħin tinħela l-oħra. U hekk għamilt. Imma malli tfejtha, bdiet riesqa fuqi dik il-biżgħa li kont ili naħbiha mill-bidu. Ħassejt it-tibdila f'daqqa waħda. Għalxejn għamiltha tar-raġel quddiem ix-xjuħ u għidtilhom li nibqa' waħdi; għax issa bdejt nara li wara kollox kont nibża daqshom, imma f'ġieħ l-irġulija qatt ma ridt noħlomha.

Ix-xita ma rħiet xejn. Il-beraq, li ftit ilu kien beda jnaqqas, reġa' beda jleħħ waħda f'waħda; ir-ragħad igerger bla ma jeħda, u kultant tfaqqa xi sajjetta. U jien maqful waħdi f'dik id-dar, f'dik id-dar li bdiet twaħħaxni. Għalxejn inħares il-barra biex nara nderrix... forsi nilmaħ 'il xi ħadd... Imma x'tara f'dik it-taqliba tal-ajru... u dak il-ħin... u flok hekk imwarrab...

Kif kont qiegħed inħares 'il-barra, b'moħħi mal-ħġieġ kiesaħ tat-tieqa, dirgħajja mgeddsin ġe' ħobbi, l-għaraq beda jxoqq għalija, u ħassejtu nieżel kiesaħ max-xewka ta' darhi. Il-biżagħ għalibni. Quddiem għajnejja bdejt nara s-siegħat sa ma jisbaħ kemm sa jdumu. Bdejt ngħodd il-minuti sekonda b'sekonda, u aktar ma ngħodd aktar donnu l-ħin jitwal. Kull fejn indawwar wiċċi d-dellijiet tal-kamra bdew jaħsduni. Fl-irkejjen kull darba nistħajjel sa nara xi ħaġa tinbet mid-dlam li kien jaħkimhom. Ghalhekk dawwart mill-ġdid wiċċi mat-tieqa, u hemm waħħaltu jħares għal barra.

Meta domt hekk xi għoxrin minuta, mingħajr ma ħarist darba lura u mingħajr ma tħarrikt xejn, bdejt ninduna... bdejt ninduna b'riħa ħafifa ħafifa li qabel jew ma kinitx hemm, jew ma kontx tajt kas tagħha. Imma issa xammejtha. X'kienet ma nafx. Ma stajtx ngħid li l-mejjet beda jrejjaħ, għax kienu għadhom ma għaddewx aktar minn tmien sigħat minn fuqu; u issa, terġa, li kont naf biha, bdejt inħossha titqal minn ħin għal ieħor. Dan naħseb kien ġej, iktarx, mill-egħlieq tal-kamra, għax ħlief tieqa waħda ma kienx hemm, u din biex tagħqad kienet magħluqa mħabba fir-riħ u x-xita. Jien għidt forsi l-arja ta' ġo l-kamra bdiet tiħżien bin-nifs tiegħi stess, megħjun, xi ftit, bid-dawl bati tax-xema. Għalhekk bexxaqt il-ħġieġ kemm l-arja titbiddel daqsxejn.

Kien issa qorob nofs-il-lejl, u x-xema bdiet tonqos; u għalkemm ma ridtx niċċaqlaq minn fejn kont, kelli mmur inbiddilha malajr qabel ma tintefa u tħallini fid-dlam għal kollox.

Sa ma ghamilt dawk iż-żewġ passi bejn it-tieqa u is-sodda ma ngħidilkomx x'għaddieli minn rasi; x'ħassejt ġe' fija. Imxejt fuq ponot subgħajja, għax l-istess mixi tiegħi beda jtini ġewwa. Id-dell tiegħi mċappas mal-ħajt u jiċċaqlaq għal kull taħrika li nagħmel, żied igħin aktar fil-biżgħa. Ridt kieku nżomm għajnejja magħluqa. Il-kelma li ħarġet minn

fommi kisret il-ħemda u tat qatgħa lili n-nifsi. Kont kiesaħ daqs is-silġ.

Meta bdilt ix-xema, erġajt għalli kont fejn it-tieqa. Barra x-xita kienet għadha nieżla sewwa, iżda l-beraq u r-ragħad ma kienx ta' sikwit bħal qabel. Ir-riħ tqawwa.

Wara xi nofs siegħa jew tliet kwarti, it-tieni xama ma kienx baqgħalha mogħla saba'. U hawn ġratli waħda mill-kbar. F'dak id-dlam li kont fih, (għax ix xama donnha ma ridetx turi aktar), b'moħħi mal-ħġieġ inħares lejn il-baħħ ta' barra, ħassejt... Madonna... ħassejt xi ħaġa tagħraxli ħafif ħafif l-għaksiet ta' saqajja. Ma ntbaħtx mall-ewwel, imma malli ndunajt li xi ħaqd kien qiegħed imissli riġlejja u donnu tiela bil-mod il-mod jixxabbat magħhom, ma ngħidilkomx x'baqa' minni. Inxift. Qabditni rogħda, ridt kieku nara x'hemm, imma ma kellix ħila ndawwar wiċċi għax bżajt li nsib xi ħaġa fuqi li taħsadni. Gezzizt idejja ġe' ħobbi, qbadt miegħi in-nifsi u qgħadt nistenna. Iżda malli nġibdt u ħarrikt riġlejja minn fejn kienu, dak it-tagħrix waqaf u, bla ma ridt, ix-xfar ta' għajnejja marru fl-art u rajt bħal ħaġa bajda bajda għaddejja tiġri.

Berqa leħħet f'daqqa waħda u fil-kamra ma deher xejn. Kont naħlef li rajt xi ħaġa bajda għaddejja tiġri mal-art, iżda biex ma nġibhiex bi kbira dawwartha fl-istess biżgħa u u ħallejtha tgħaddi. B'dan il-ħsieb serraħt daqsxejn moħħi.

Ma domtx mistrieħ wisq għax ftit wara smajt bħal ċaqlieq ġej minn naħa tas-sodda, u miegħu qabad jissieħeb bħal tgergir qisu ta' msaren. X'kien ? Dawwart wiċċi f'daqqa waħda, donni megħjun mill-istess biżgħa, ħarist lejn il-mejjet, u x'nara? Ix-xama kienet qiegħda tgħix biss bil-meraq li fadlilha, u d-dawl ftit kien jonqsu biex jintefa. Imma, Madonna tal-Karmnu!... ħierġa... ħierġa bil-mod-il-mod rajt id Dwardu... tiżżerżaq... tiżżerżaq... mal-liżar li kellu fuqu... qabdet (jew weħlet) miegħu... ġibditu minn fuqu, u baqgħet imdendla barra mis-sodda.

Jien tbikkimt minnufih, qbiżt lura sitt passi u trekkint kemm stajt bejn il-ħitan tal-kamra. Dik id-dehra tal-mejjet waħħxitni, waħħxitni tabilħaqq. Ma nafx x'naqbad nagħmel għax qatt, kif għidtilkom qabel, ma kont għamiltha ma mejtin u għalhekk ma kontx naf x'jista' jinqala'. Qisni miblugħ, imgezzez fil-ġenn li kelli bqajt hemm fir-rokna nistenna... nistenna l-waħx li bdejt nara quddiem għajnejja. Imma kif għaddietli dik it-tferfira ta' bard li qabditni u rġajt f'tiegħi, ersaqt kemm kemm... fuq ponot subgħajja... ħalli nara x'kien li driegħu waqalu minn kif kien fuq sidru. Ersaqt... L-ilsien tax-xama beda issa jitwal b'daħna ħafifa fit-tarf, u issa jiċkien jiċkien li taħsbu ntefa'. Imma kien biżżejjed biex itini l-aħħar qatgħa, għax dak li rajt agħar mill-agħar li kont q'ed nistenna. Għajn Dwardu x-xellugija kienet miftuħa ! Ħsibt li rajt ħażin

u erġajt ħarist; imma hi, kienet tassew miftuħa... miftuħa!... MIFTUĦA!... tleqq fid-dwal miksur tax-xama... tħares... qegħda tħares sewwa sew f'għajnejja. Jien erġajt sirt ilma. Ma flaħtx iżjed fuq saqajja. Ridt kieku nitlaq niġri u naħrab minn hemm ġew, imma ma stajtx. Ħassejtni mwaħħal ma l-art; ridt kieku ngħajjat għajta, imma l-kliem weħelli għoqda fi griżmejja. Smajt karba l-anqas naf minn fejn hi ġejja... barra leħħet berqa... gergret ir-ragħda... tregħdet ix-xama... u ntfiet. Dik id-dalma f daqqa waħda donnha tatni mill-ġdid is-saħħa. Tajt salt għall-bieb tal-kamra biex nitlaq niġri 'l-barra...irfist xi ħaġa...kienet xi ħaġa ratba...smajt twerżiqa... tfixkilt...kont sa naqa... żammejt u rġajt lura... ħadt daqqa ġo rasi ma xi ħaġa iebsa... l-għoqda ta' griżmejja nħallet... ħarġet għajta tal-biżgħa... u waqajt.

Meta qomt kienu xi s-sitta ta' fil-għodu. Għall-ewwel ma ndunajtx fejn kont u x'ġara. Idejja kienu mċappsin bid-demm li wara sibt li kien mill-qasma li kelli f'rasi, u ftakart. Għorokt daqsxejn għajnejja u qomt mill-art fejn kont ili xi ħames sigħat.

Il-mejjet kien għadu kif ħallejtu qabel ma ntlift. Driegħu mdendel barra mis-sodda. Il-friex mixħut ma l-art in-naħa tagħha, imma għajnu ma kinitx miftuħa.

Arthur V. Vassallo.

Valletta—16 ta' Diċembru, 1935.

# XITWA*

Meta fil-ġnien jidbiel il-ward, u d-dija
Tal-aħħar xemx ma tħammar l-idjar rieqda,
Meta fil-waħx tal-lejl qilla saltnija
Tnaqqax il-biża' u l-hemm f'din ruħi siekta,
Nibki għax naħseb li ta' mħabbti kbira
Għad tmut il-qawwa,.... s-saħħa,... l-ħeġġa. Jiena
Nisfa bla dawl. Igħib is-sliem: tifkira
Ma jibqalix tal-qalb bil-ħidma għajjiena.
Dlam, dlam u dlam ta' qabar jidfen ħsiebi
—Il-ħsieb li tbissem fir-rebbiegħa tiegħi—
U nara l-Mewt taħtaf bis-serqa l-ħbiebi
Fil-waqt li tersaq biex tindiehes miegħi:
  Int, xitwa qierħa, iġġib quddiemi l-ġrajja
  Ta' meta għad jiksaħ fija n-nar tal-ħajja.

12 - I - 36 Ġużi Chetcuti.

* Bi tweġiba għall-poeżija ta' Ġużè Aquilina "The God of Winter" li dehret fil-*Journal of the Malta University* (Vol. 2 Nos. 8 & 9—March, 1936)

# ITTRA TA' WIEĦED
# FUQ IL-KAMP TAL-BATTALJA LIL MARTU*

(*Minn Alb. M. Cassola*)

Għażiża marti,

Ma nafx jekk dina l-ittra tiegħi tilħaqx tasallek qabel ma tasal fuqi l-balla li taħsadli ħajti. La toħodhiex bi kbira jekk tisma' li fil-battalja li saret dan l-aħħar mietu l-eluf u li fosthom jiena wkoll tlift ħajti. Il-mewt għall-art tat-twelid ma fihiex ħasra.

Midrub għal darbtejn f'taqtigħa li saret m'ilux, għaraft bħala suldat qawwi nżomm fuq saqajja u nissielet sider ma' sider sakemm il-għadu mifni ħarab. Did-darba l-battalja sa tkun mill-aktar ħorox u d-demm sa jiġri mhux ftit. Tama żgħira hemm li nibqa' ħaj.

Iżda l-mewt tiegħi flimkien mal-mewt ta' sħabi l-oħra kollha tfisser il-ħajja ta' artna l-maħbuba, il-ħajja ta' art martna u wliedna, art ħbiebna u qrabatna.

F'dan il-ħin li minn waqt għal ieħor nistennew l-ordni biex naqbdu f'idejna l-armi u nħebbu għall-għadu, ma nistâx, ja marti għażiża, ma nistâx noqgħod niktiblek fit-tul u nsemmilek kulma nixtieqek tkun taf dwari u nfissirlek dak kollu li qalbi, qalb ta' suldat, u ta' missier, tħoss. Bus għalija lil dawk uliedna li għalihom konna dejjem lesti biex nagħtu ħajjietna. Bushom u għidilhom li dik hija l-aħħar ħaġa li qiegħed nibagħtilhom. L-aħħar, iżda, l-egħżeż! Dik il-bewsa jiena nismagħha tfaqqa'... imqar bil-ħsieb.

U fl-aħħarnett ilqa' inti wkoll il-bewsa tiegħi: bewsa ħelwa u bnina bħall-ewwel waħda li tajtek meta jiena ta' għoxrin sena u inti ta' sittâx iltqajna għall-ewwel darba fir-ramla ta' San Pawl-il-Baħar u bqajna sejrin flimkien, idejk bejn idejja, lejn dik il-wesgħa, fejn is-siġar mil-lewn it-tama u sbieħ bħar-rebbiegħa, kennewna mis-sried tal-lejla.

Hemmek, jekk għadek tiftakar: ħliftlek—kif qatt nista' ninsa dik il-lejla?—ħliftlek li nibqa' nħobbok sa mewti!

Issa li nibża' li l-mewt għoddha waslet fuqi, x'baqgħali jewwilla ħlief li nġib quddiem għajnejja lilek, iż-żmien ta' mħabbitna u wliedna? Kollox igħaddi. Kollox jispiċċa. Igħaddi ż-żmien u tispiċċa kull ħaġa. Biss l-imħabba ma għandhiex tmiem: l-imħabba għad-dar u l-familja, l-imħabba għall-patrija u n-nies ta' pajjiżi!

---

* Din l-ittra hija magħżula bħala l-aħjar komponiment fil-klassi tal-Malti ta' bil-lejl fil-Liċeo.

Xejn iżjed, ja marti. Jekk mill-kitba tinduna li ktibtlek bir-rogħda, dana rridek tkun taf tabilħaqq: li dina tiegħi ma hix rogħda ta' biża': din hi rogħda ta' mħabba, ta' dik l-imħabba li biha ħabbejt u nibqa' nħobb dejjem sa mewti, lilek, lil uliedi, lil sħabi, lil arti.

Sa nitlaq il-pinna issa...biex naqbad l-ixkubetta! Uliedi f'idejk, ja marti, u ħajti f'idejn Alla... Saħħa għal dejjem.

Minn qalb it-trunċieri.

KELINU

# MIĠNUNA

L'għaliex tidħqu biha, qlub kiefra,
Għax lilha magħdura taraw?
Sabbruha fit-telfa li ġarrbet
Jekk tridu wiċċ Alla taraw;
Jien nafha fuq ruħha, sabieħa;
Minn ġmielha tliet għonja 'nnamraw.
It-telfa ta' binha l-waħdani
Tefgħetha ġe baħar ta' mrar:
La torqod, la tiekol, biss tibki,
Weħidha bil-lejl u bi nhar.
Ħadd lilha ma sabbar, nies kiefra,
Miġnuna weħidha ġe' d-dar.
Araha tiskanta, titbissem
Jew tgħolli leħinha fis-skiet
U tgħanni lil binha, miskina,
Imdawwar bil-ħolm tal-imwiet!
Jew tilbes il-libsa tal-btajjel
U tiġri weħidha fl-ibliet.
Tistaqsi lil dak u lil ieħor:
"Għiduli, lil ibni rajtuh?"

KARM DEBONO

# MINN HAWN U MINN HEMM

## AVVERBI

Xi avverbi Maltin ta' żewġ kelmiet iwieġbu għal oħrajn f'ilsna oħra, bħal fl-Ingliż.

### *KULL*

| | |
|---|---|
| KULL fejn | *wherever* |
| KULL min | *whoever* |
| KULL meta | *whenever* |
| KULL tant | *every now and then* |
| KULL imkien | *everywhere* |
| KULL ma | *whatever* |
| KULL darba | *every time* |

Fil-Malti biċċa mill-kliem qiegħed bil-maqlub ta' l-Ingliż, jiġifieri l-kelma *kull (ever, every)* qabel u l-oħrajn *(fejn-where, meta-when,* eċċ.) wara.

Dawn jistgħu jingħaqdu f'kelma waħda u jsiru *(kultant, kullimkien, kulma, eċċ.).*

### *LIL* ('il)

*'L hawn u 'l hinn, il fuq, 'l isfel, il quddiem, 'l ura, il ġewwa, il barra,* fejn *lil (il, 'l)* għandha t-tifsira ta' *lejn* u mhux ta' Artiklu, u għalhekk jaqbel li jinkitbu kelma waħda : *ilhawn, lhawn, il-fuq, lisfel, ilquddiem, lura, ilġewwa, ilbarra,* eċċ.

*LIL* hija l-preposizzjoni *îla* tal-Għarbi *(to, towards, as far as)* bl-L meħmuża fil-bidu.

### *BIL—BLA*

Bil-(fl-Ingliż *ing, ly,*—suffissi)
Bla (fl-Ingliż *less*—suffiss)

L-Avverbi li jfissru *il-kif* (mod) isiru biż-żieda ta' *bil-*jew *bla* quddiem *isem il-għemil.* Eż :— *Bis-serqa, bil-mistħija; bla nifs, bla taħbit.*

---

Avverbi oħra magħmulin minn żewġ kelmiet :

*Ħelu ħelu; ħafif ħafif; hekk u hekk; kemm kemm.*

L-avverbi *(komposti)* jistgħu jitfissru bil-partiċelli bejn verb imtenni. Eż :— *Qal x'qal; mar fejn mar; daħal x'ħin daħal; kien min kien*; fejn *x, x'ħin, min* għandhom it-tifsir tal-kliem Ingliż : *whatever, whenever. whoever.*

## AĠĠETTIVI

Il-għamla ta' aġġettivi hija iktarx dik ta' kliem b'sillaba waħda u bil-vokali *i* mkarkra jew ta' kliem b'żewġ sillabi bit-tieni vokali *i* mkarkra. Eż:— *Kbîr, żgħîr, fqîr, sħîħ, rgħîb; nadîf, sabîħ, qadîm, ħażîn, ħanîn, qasîr, marîd.*

Xi sostantivi għandhom il-għamla jew sura ta' aġġettivi: *tabib, ħabib.*

Il-formula tagħhom hija għalhekk :— . *.î.* jew *.a.î.* fejn il-punti jfissru *ittri* konsonanti.

### *GĦAMLIET TA' AĠĠETTIVI*

a) *Kbir, sabiħ.* b) *Qares, ħieles.* ċ) *wikkiel.* d) *ħajjen.* e) *xurban, għażżien.* f) *dħuli, kburi.* g) *raħli, Għawdxi.* h) *fuqani, saflieni ġewwieni.* i) *abjad, aħmar.*

Fost dawn hemm li huma parteċipji attivi bit-tifsira ta' aġġettivi bħal: *wieqaf, liebes.*

Il-parteċipji passivi jistgħu wkoll joqogħdu bħala aġġettivi: *maħmuġ, magħtub, magħlub imkabbar.*

| *Parteċipji attivi* | *Parteċipji passivi* |
|---|---|
| Ilma ġieri | Bniedem imkabbar |
| Raġel sieket | Tifel maħmuġ |
| Inbid qares | Ħmar magħkus |
| Tifel ħafi | Raġel magħtub |
| Demm biered | Ħuta mixwija |
| Kliem kiesaħ | Ħuta mgħollija |
| Xagħru wieqaf | Ħuta moqlija |

L-aġġettivi jistgħu wkoll jieħdu l-għamla ta' verb. Eż:— *Ilma jagħli, ħadida tikwi, ilma jismot,* illi fl-Ingliż u fit-Taljan jitfissru bl-aġġettivi *boiling, red-hot, scolding; bollente, rovente, scottante.*

N. B.—L-aġġettivi li jispiċċaw biż-żieda: *an* jew *ien* huma iktarx dawk li jfissru l-*istat tal-moħħ* jew *tal-ġisem.* Eż:— *ferħan, għarqan, xebgħan, xurban, qalbien, ħusbien, għarwien, għażżien, sogħbien.*

### *X F'MISTOQSIJIET*

F'mistoqsijiet il-parteċelli *qatt, ħadd* u oħrajn jistgħu jinhemżu ma' *x*:

*Qattx mort?—Ħaddx jista' jkellmek?—Hawnx min irid jiġi?—Fiex inqastek?—Biex ġejt?—Mniex jiġi?—Għaliex mort?— Intix ġej?*

### *IŻ-ŻIEDA "ABLE" JEW "IBLE" FIL-KLIEM INGLIŻ*

Bil-Malti jitfissru bil-kelmiet *ta' min* u l-verb urajhom fl-imperfett, it-tielet persuna, singular. Hekk iż-żieda "able" jew "ible" ma verbi, biex jagħmlu aġġettiv, bħal *lovable, credible*, bil-Malti nfissruhom bi kliem bħal dan : *ta min iħobbu, ta min jemmnu.*

### FRAŻIJIET MALTIN BL-INGLIŻ MAGĦHOM

Xi frażijiet f'ilsien qajla jitfissru b'ilsien ieħor, u f'dil-ħaġa l-Malti hu minn ta' l-ewwel. Dawn li se nagħtu, għalhekk, jistgħu jservu bħala mera ċkejkna u fl-istess ħin bħala bidu ta' studju u ħajra għal ħaddieħor f'dan ix-xogħol hekk irqiq u fejjiedi.

Għandu mnejn—Possibly; he can afford it.
Ilħaq għasstek—Mind your own business.
Idur b'rasek—You will regret (*or*, rue) it.
F'kemm ili ngħidlek—In less time than it takes to tell you.
F'radda ta' salib—In the twinkling of an eye, *or* In a brace of shakes.
Ħadni n-ngħas, il-ġuħ, il-għatx—To feel sleepy, hungry, thirsty.
Mhux li mort! (emphatic)—Had I but gone!
Ħwejġu ħareġ minnhom—To outgrow one's clothes.
Ma jiġix minnu; ma jkunx—It is improper.
Minnek jonqos li ma tmurx—It depends on you whether you go or not.
Ħa għalih—To take offence (*or* umbrage)
Dar dawra ma dwaru—To take stock.
Mnejn sa fejn?—By what right (*or* authority)
Għamel ta' bir-ruħu—To pretend (*or* feign)
Tfittex ix-xagħra fil-għaġina—To quibble over trifles.
Fuq fuq—Superficially, briefly; in a few words.
Għomrok twil.—Speak of angels, you hear their voice. Speak of the devil, you see him appear.
Inħoss qtigħ ta' laħam f'riġlejja—My legs feel shaky.
Kull waqt hu waqtu—There is a time for everything.
Fejn laqat, laqat; fejn ħabat, ħabat—I will chance it, *or* I will take the risk
Kollox b'wiċċ il-ġid—Everything in one's favour.
Rasi tarmini—My head feels heavy.
Fejn ħadna ħalliena—One more expense makes no difference.
Issa fejn aħna, aħna—As well be hung for a man as for a sheep, *or*, In for a penny in for a pound.
Misbaħ l-indafa!—Good riddance of bad rubbish; your room is better than your company.
Ma nħossnix fiha—I feel unwell.
Ma ġejtx fiha—It escaped my memory.
Ħaqqek!—It serves you right.
Għomru u żmienu—All his life long.
X'hemm mill-ġdid? Xi jgħidu? X'għandna?—What news?

**A. C.**

# KOTBA ĠODDA

*A Grammar of the Maltese Language with crestomathy and vocabulary* by E. F. SUTCLIFFE S. J., Oxford University Press, 1936.

Fil-waqt li qegħdin niktbu, l-Grammatka ta' P. Sutcliffe S.J. ilha xahrejn tiġri fl-idejn, u kulħadd seta' jaraha, jaqraha u jifliha. Iżda ma rridux nibqgħu ma nsemmuhiex, biex nagħtu lill-kittieb il-ġieh li ħaqqu u nuru bil-kelma li ma tmutx il-fehma tagħna lil niesna tal-lum u li għad jiġu warajna.

Grammatka tal-Malti miktuba bl-ingliż kienet għalina ħtieġa kbira. Mindu l-Malti beda jfarfar ġwenħajh u jittajjar barra minn Malta, nħasset fost il-barranin il-ħtieġa ta' Grammatka miktuba bi lsien li jifhmu kullħadd. Mill-Ingilterra, mill-Ġermanja u mill-Amerika wkoll staqsewna u talbuna bosta drabi nibagħtulhom xi Grammatka tal-Malti. Iżda Grammatki għall-barranin ma kellniex lx-xogħlijiet bl-ingliż ta' F. Vella (1831), u bit-taljan ta' M. A Vassalli (1827) u ta' F. Panzavecchia (1845) il-lum ma jinsabu mkien. Terġa', min seta, illum, fostna jikteb Grammatka bl-ingliż kien mgħobbi b'taħbit ieħor li ma kellux anqas ħin biex jaħseb biss. Għalhekk ma nistgħux ma nifirħux li wieħed barrani, li tgħallem fl-Università ta' Oxford, imrawwem tajjeb fit-tagħlim tal-ilsna semin ried minn rajh jidħol hu għal dax-xogħol, li jgħarraf lid-dinja l-lsien Malti u l-ħedma tagħna kollha li ilna s-snin niflu u nitkixxfu r-rqaqat tiegħu kollha.

It-taqsim tal-Grammatka hu mqabbel mal-ħeffa tat-tagħlim; għalhekk flok ma tibda mill-verb, li fl-ilsna semin kollha huwa l-qofol tat-tiswir tal-kliem, tibda mill-artiklu, bin-nômi u l-aġġettivi, imbagħad il-verb, u fl-aħħar il-pronomi u l-partiċelli. Kull taqsima għandha s-sintassi tagħha warajha. Fl-aħħar antoloġija żgħira ta' proża u poeżija bid-dizzjunarju tagħha.

Jidher li P. Sutcliffe qara ħafna fuq il-Malti u ġabar kull ma seta' mill-kotba tagħna, flieh b'reqqa kbira, qassmu bid-dawl tal-ilsna semin, dammu bid-dehen ta' moħħu żied fejn kien nieqes, u sawwar kollox fi Grammatka li qajla jkollha oħra aħjar minnha. Fuq il-verb l-aktar li jitkellem fit-tul (105 faċċati minn 213), u juri mingħajr taħbil u tfixkil ta' xejn kif inhu mibni, u kif jitnisslu u jissawwru l-għamliet tiegħu kollha, u jfisser ħafif meta u kif xi verbi fil-bini tagħhom joħorġu barra mit-triq u ma jimxux ma' sħabhom. Megħjun bid-dawl tal-Għarbi seta' jgħarrex aktar 'il ġewwa fil-Malti u jikxef irqaqat moħbija. Hekk biex insemmu xi ħaġa: Is-sura *aqtel* fil-verbi

li fil-kotba tagħna hi bil-kemm imsemmija (ara IL-MALTI, Ġunju 1929 faċċ. 64 u Marzu 1931 faċċ. 35) hi magħrufa minn Sutcliffe f'xi fdalijiet tagħha, ara faċċ. 108-111. Il-verb *seta'* ġej mill-għerq *tâgħ*, li fl-għaxar sura hu *statâgħ*, mqassra fi *stagħ* li minnha mbagħad ħareġ verb ġdid *setagħ*, faċċ. 117. Il-verb *strieħ* ġej minn *rieħ*, *rejjaħ* u mhux minn *seraħ*, *serraħ* faċċ. 117.

Ma nafx togħġobx lil kullħadd is-sintassi miġjuba wara kull taqsima u mhux miġbura kollha f'daqqa, bħalma aktarx isir fi Grammatki oħra. Jista' jkun li l-kittieb għażel li jqassamha hekk minħabba l qosor tagħha (bil-kemm 30 faċċata) jew biex aktar iħaffef it-tagħlim. Hu xinhu, ir-regoli huma mfissrin tajjeb u l-kotra tal-eżempi tpatti għan-nuqqas ta' regoli. Nistqarru li s-sintassi Maltija, u l-aktar, is-sintassi tal-verbi u tas-sentenzi, hi tqila ħafna biex tfissirha tajjeb, għax billi l-kitba tal-Malti hi mittiefsa ftit jew wisq minn ilsna barranin, mhux dejjem tista' tagħżel bejn dak li hu regola u dak li hu taħsir.

Biex infissru aħjar il-fehma tagħna, nżidu kelma biex nuru fiex ma naqblux jew fejn jista' jkun aħjar:

Faċċ. 12, kliem bħal *mejjet*, *sawwat*, meta jiżdied b'sillaba oħra, jitlef is-sillaba *je*, *wa*, hekk : *mejta*, *sawtu*. Il-fehma tiegħi fissirtha f'dan il-qari Għadd 53-54 faċċ. 24, u mhemmx għal fejn intenniha.

Faċċ. 22, *misħun* ġejja minn *ma* (ilma) *sħun*. Tajjeb. Iżda rrid inżid li l kelma *misħun* tnisslet hekk: *ilma sħun*=*il-masħun* =*misħun*. L-artiklu *il* li ngħaqad mal-kelma *ma* u sar ħaġa waħda magħha, reġa' nfired minnha, u l-kelma *ma* ngħaqdet ma' *sħun*.

Faċċ. 69, il-partiċipju presenti ftit huwa mħaddem fil-Malti, għalhekk ħafna verbi bħal *qatel* tilfuh. Biex nagħżlu ħaġa minn oħra ngħidu li l-verbi intransitivi għandhom il-partiċipju present, hekk : *rieqed*, *sieket*, *qiegħed*, *dieħel*, *ħereġ*, *ġieri*, *miexi*, *sajjem*, *mejjet*; u l-verbi transitivi ma għandhomx. Dan juri li fil-Malti l-partiċipju għandu aktar mill-aġġettiv milli għandu mill-verb; ifisser *stat* u mhux *għamil*. U għalhekk naħsbu li l-verbi transitivi qatt ma kellhom partiċipju present.

Faċċ. 117. Ma naħsebx li l-verb *serraħ* ġej mill-verb *strieħ*. Jien, minn għalija nżomm il-verb *serraħ* bħala verb imnissel mill-verb *seraħ*, *jisraħ*, li fil-Malti ntilef iżda ħalla warajh il-verb *serraħ*, u n-nomi *serħ*, *misraħ*, (Ara IL-MALTI, Sett. 1927, faċċ 92).

Faċċ. 196, il-kelma *ili*, *ilek* ġejja minn *ħin+li*, *ħin+lek*. Ma naħsebx li hu hekk, għax minn *ħin+li* jsir *ħilli* u mhux

*ħili, hili, ili,* bħalma minn *kien li* jsir *kelli.* Aktarx li l-kelma hi mniss'a minn għerq wieħed bħal *ewwel,* jiġifieri, *alif, w, l.*

Faċċ. 267, kol. 2, v. 3 il-kelma *għira=nakednes,* aħjar tinkiteb *għera.* Meħuda mill-Qwiel ta' M. A. Vassalli (faċċ. 222 v. 30). Iżda Vassalli fil-ktieb *Motti Aforismi e Proverbi Maltesi,* faċċ. 9, l-ewwel vokali jiktibha *y,* li biha jrid fifisser ħoss bejn *i* u *e*. *Għira* tfisser ħaġa oħra.

Faċċ. 273, kol. 2, v. 8, *sikt=silence, quiet.* Ma naħsebx li l-kelma *sikt,* li bis-suffissi ssir *sikti* (jew *sikkti*) hi ġejja mill-verb *siket.* Aktar naħseb li hi ġejja minn *sikka,* li bit-*t* marbuta ssir *sikkat,* u bis-suffissi *sikk*(a)*ti.* U hekk: *f'sikkti,* ma jfisserx: *fi skieti,* iżda *f'loki; nħossni tajjeb, kif u fejn għandu jħossni; ma għandi xejn li jħabbatni. Sikka* hija biċċa mill-moħriet, imma tfisser ukoll: *triq.*

L-hawn u 'l ħemm żelqu xi għeltijiet tal-istampa: faċċ. 116, v. 14 aqra *sejjaħ* flok *sejjah;* faċċ. 144, v. 25 *midbiel* flok *mibdiel;* faċċ. 164, v. 29, *jwassluh* flok *jwassluħ.*

L-Antoloġija hija magħżula tajjeb u mżewwqa sabiħ; proża u poeżija taż-żmien qadim (1789, 1828), ta' żmien tan-nofs (1846, 1853) u ta' żmienna (1929-1934). Nifirħu bil-qalb kollha lil P. Sutcliffe u nwegħduh li aħna u kull min jħoss li hu Malti jibqa' jafhulu għall-ġieħ kbir li għamel lil ilsienna.

## KOTBA OĦRA

*Ġabra ta' Ward* minn E. B. Vella; erba' kotba bi 86, 98, 125 u 160 faċċata, Kotba wieħed ogħla mill-ieħor għat-tfal tal-iskejjel elementari tal-Gvern. Bħala rakkonti magħżulin tajjeb għat-tfal, imma xi poeżijiet jidhrilna li huma għoljin għal moħħ it-tfal. Is-siwi letterarju fejn jitla' u fejn jinżel. Ma kienx ikun aħjar kieku ż-żewġ kotba tal-aħħar, bħat-tnejn ta' qabilhom, ħarġu minn id waħda, minn id li taf issieħeb il-ġmiel letterarju tal-kitba mal-moħħ ċkejken tat-tfal?

*San Guann Bosco, sajjêd tal-eruieħ,* minn F. A. Forbes imfisser bil-Malti minn Alf. M. Galea, faċċ. 176, Stamperija tas-Salesjani, 1936.

*Is-Sultan miet, Għomor tuil lis-Sultan!* minn Alf. M. Galea, faċċ. 16, Stamperija tas-Salesjani, 1936.

**Tishib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja wahda sold
Ghal barra minn
Malta id-doppju.

Ghal Abbonamenti u bejgh morru ghand id-Ditta
A. C. AQUILINA & Co.
58D Strada Reale, Valletta.